

Brussell, 9 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12657/25

ENV 816
MI 636
DELECT 126

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 5940 final
Suġġett:	DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'8.9.2025 li temenda d-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb f'komponenti tal-ħġieġ jew taċ-ċeramika

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2025) 5940 final.

Mehmuż: C(2025) 5940 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.9.2025
C(2025) 5940 final

DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'8.9.2025

li temenda d-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb f'komponenti tal-ħġieġ jew taċ-ċeramika

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Din id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni temenda, għall-finijiet tal-adattament għall-progress tekniku u xjentifiku, l-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku ("id-Direttiva RoHS")¹ fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb fiċ-ċeramika u fil-ħġieġ.

L-Artikolu 4 tad-Direttiva RoHS jirrestrinġi l-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (EEE, Electrical and Electronic Equipment). Bħalissa, hemm 10 sustanzi ristretti u elenkati fl-Anness II tad-Direttiva: iċ-ċomb, il-merkurju, il-kadmju, il-kromu eżavalenti, il-bifenili polibrominati (PBBs, Polybrominated Biphenyls), l-eteri tad-difenil polibrominat (PBDEs, Polybrominated Diphenyl Ethers), il-ftalat tal-bis(2-etileżil) (DEHP, Bis(2-ethylhexyl) Phthalate), il-butilbenżilftalat (BBP, Butyl Benzyl Phthalate), id-dibutilftalat (DBP, Dibutyl Phthalate) u d-diisobutilftalat (DIBP, Diisobutyl Phthalate).

L-Annessi III u IV tad-Direttiva RoHS jelenkaw il-materjali u l-komponenti tal-EEE għal applikazzjonijiet speċifiċi eżentati mir-restrizzjonijiet fuq is-sustanzi fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva. L-Artikolu 5 jippermetti l-adattament tal-Annessi III u IV għall-progress xjentifiku u tekniku (dwar l-ġhoti, it-tiġdid u r-revoka tal-eżenzjonijiet). Skont l-Artikolu 5(1)(a), l-eżenzjonijiet iridu jiġu inklużi fl-Annessi III u IV biss jekk dik l-inklużjoni ma ddgħajjifx il-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa li jagħti r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ("ir-Regolament REACH")² u jekk tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mit-tliet kundizzjonijiet li ġejjin:

- jekk it-tneħħija jew is-sostituzzjoni permezz ta' bidliet fid-disinn jew permezz ta' materjali u komponenti li ma jkunx jirrikjedu l-ebda materjal jew sustanza minn daww elenkati fl-Anness II ma tkunx prattikabbli mil-lat xjentifiku jew tekniku;
- jekk ma tiġix żgurata l-affidabbiltà tas-sostituti;
- jekk it-total tal-impatti negattivi fuq l-ambjent, fuq is-saħħa u fuq is-sikurezza tal-konsumatur li tikkawża s-sostituzzjoni, x'aktarx ikun jissupera t-total tal-benefiċċji għall-ambjent, għas-saħħa u għas-sikurezza tal-konsumatur.

Id-deċizzjonijiet dwar l-eżenzjonijiet, u d-durata tagħhom, iridu jqisu d-disponibbiltà tas-sostituti u l-impatt soċjoekonomiku tas-sostituzzjoni. Id-deċizzjonijiet dwar id-durata tal-eżenzjonijiet iridu jqisu kwalunkwe impatt potenzjali fuq l-innovazzjoni. Meta jkun qegħdin jiġu kkunsidrati l-impatti ġenerali tal-eżenzjoni jrid jiġi applikat il-kunċett taċ-ċiklu tal-ħajja, meta jkun rilevanti.

L-EEE soġġett għad-Direttiva RoHS huwa kklassifikat f'konformità mal-kategorizzazzjoni stabbilita fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.

L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva RoHS jippermetti lill-Kummissjoni tinkludi materjali u komponenti tal-EEE għal applikazzjonijiet speċifiċi fil-listi tal-Annessi III u IV permezz ta' atti delegati individwali f'konformità mal-Artikolu 20. L-Artikolu 5(3) u l-Anness V jistabbilixxu l-proċedura għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għal eżenzjoni.

¹ ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88.

² Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, l-Evalwazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sustanzi Kimiċi (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Kummissjoni tirċievi talbiet mingħand l-operaturi ekonomiċi biex tagħti jew iġġedded l-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva RoHS³.

Fil-punt 7(c)-I, l-Anness III tad-Direttiva RoHS jelenka eżenzjoni għall-komponenti li jkun fihom iċ-ċomb fi ħġieġa jew fiċ-ċeramika (għajr iċ-ċeramika dielettrika fil-kapaċitaturi), eż. apparat pjezoelettroniku, jew f'kompost b'matriċi tal-ħġieġ jew taċ-ċeramika. L-eżenzjoni fil-punt 7(c)-I ġiet imġedda l-aktar reċentement bid-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2018/736⁴.

Fil-punt 7(c)-II, l-Anness III tad-Direttiva RoHS jelenka eżenzjoni marbuta mill-qrib għaċ-ċomb f'ċeramika dielettrika f'kapaċitaturi għal vultaġġ attribwit ta' 125 V AC jew 250 V DC jew oġġla. L-eżenzjoni fil-punt 7(c)-II ġiet imġedda l-aktar reċentement bid-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/169⁵.

L-eżenzjonijiet fil-punti 7(c)-I u 7(c)-II kellhom jiskadu fil-21 ta' Lulju 2021 għall-kategoriji 1-7 u 10 kif ukoll għall-kategoriji 8 u 9 minbarra apparat mediku dijanjostiku *in vitro* (IVD, *In Vitro* Diagnostic) u strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali (IMCI, Monitoring and Control Instrument). L-eżenzjonijiet kellhom jiskadu fil-21 ta' Lulju 2023 għall-kategorija 8 apparat mediku dijanjostiku *in vitro* u fil-21 ta' Lulju 2024 għall-kategorija 9 strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali u l-kategorija 11 "EEE ieħor mhux kopert mill-kategoriji t'hawn fuq" ("EEE ieħor").

Bejn id-19 ta' Diċembru 2019 u t-22 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni rċeviet sitt talbiet ta' tiġdid għall-eżenzjoni fil-punt 7(c)-I. Barra minn hekk, il-Kummissjoni rċeviet talba simili għall-kategorija 8 apparat mediku dijanjostiku *in vitro* fl-20 ta' Jannar 2022 u talba simili għall-kategorija 9 strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali, kif ukoll għall-kategorija 11 "EEE ieħor" fl-20 ta' Jannar 2023. Fid-19 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet talba ta' tiġdid waħda għall-eżenzjoni fil-punt 7(c)-II. L-applikazzjonijiet kollha waslu fil-perjodu ta' żmien għat-tiġdid stabbilit fl-Artikolu 5(5) tad-Direttiva RoHS.

Skont l-Artikolu 5(5), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva RoHS, l-eżenzjonijiet eżistenti għandhom jibqgħu validi sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għat-tiġdid mill-Kummissjoni.

Valutazzjoni teknika

F'Ottubru 2020, il-Kummissjoni nediet studju⁶, li ġie konkluż fi Frar 2022, biex twettaq il-valutazzjoni teknika u xjentifika meħtieġa, inkluża konsultazzjoni pubblika ta' 10 ġimġhat mal-partijiet ikkonċernati. Il-kummenti kollha ġew meqjusa. L-informazzjoni dwar il-konsultazzjoni ġiet ipprovduta fuq is-sit web tal-proġett⁷.

Matul il-konsultazzjoni pubblika ġew sottomessi sitt kontributi individwali għall-eżenzjoni fil-punt 7(c)-I. Għall-eżenzjoni fil-punt 7(c)-II, waslu tliet kontributi individwali. Ir-rappreżentanti tal-industrija appoġġaw prinċipalment tiġdid taż-żewġ eżenzjonijiet.

³ Il-lista hija disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/environment/waste/rohs_eee/adaptation_en.htm.

⁴ ĠU L 123, 18.5.2018, p. 94.

⁵ ĠU L 33, 5.2.2019, p. 5.

⁶ Ir-rapport finali (Pakkett 22) tal-istudju huwa disponibbli fuq: <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/c774eb67-7cc6-11ec-8c40-01aa75ed71a1/language-mt>.

⁷ Perjodu ta' konsultazzjoni: Mit-30 ta' Marzu 2021 sat-8 ta' Ġunju 2021; <https://rohs.exemptions.oeko.info/>.

- F'Awissu 2023, il-Kummissjoni nediet studju⁸, konkluż f'April 2024, biex tevalwa informazzjoni speċifika għall-kategorija għda mill-applikazzjonijiet li waslu fl-2022 u fl-2023. Il-valutazzjoni teknika kien fiha konsultazzjoni pubblika ta' 8 ġimgħat mal-partijiet ikkonċernati u tqiesu l-kummenti kollha. L-informazzjoni dwar il-konsultazzjoni ġiet ipprovduta fuq is-sit web tal-proġett⁹.

Għall-eżenzjoni **fil-punt 7(c)-I**, tista' ssir distinzjoni bejn applikazzjonijiet li fihom iċ-ċomb ikun parti minn **materjal tal-ħġieġ** u applikazzjonijiet li fihom ikun parti minn **materjal taċ-ċeramika**. L-ammont ta' ċomb imqiegħed fis-suq skont l-eżenzjoni fil-punt 7(c)-I għie smat għal madwar 550 sa 750 tunnellata fis-sena.

Għaċ-ċomb **fil-materjali u l-komponenti tal-ħġieġ**, iċ-ċomb jintuża fi **stann tal-ħġieġ b'punt tat-tidwib baxx**, fi **fritti tal-ħġieġ**, **f'reżistenzi taċ-ċippa u inkapsulamenti** ta' komponenti ta' semikondutturi, kif ukoll **fil-ħġieġ elettroniku**. L-ewwel żewġ applikazzjonijiet huma pjuttost ibbażati fuq proprjetajiet mekkaniċi u fiżiċi bħat-tnaqqis tat-temperatura tat-tidwib tal-ħġieġ, it-titjib tal-kapaċità ta' żamma tal-ilma bejn il-materjali jew iż-żieda tar-reżistenza kimika tal-legatur. Dan l-aħħar tip ta' applikazzjoni huwa bbażat ukoll fuq proprjetajiet elettroniki speċifiċi li jippermettu l-kurrenti fil-ħġieġ.

Għaċ-ċomb f'materjali taċ-ċeramika, iċ-ċomb jintuża għal **materjali pjeżoelettriċi u termisters b'koeffiċjent tat-temperatura pożittiv**. F'termisters b'koeffiċjent tat-temperatura pożittiv, iċ-ċomb jippermetti l-karatteristiċi termali u l-istabbiltà tal-valur ta' reżistenza tal-materjal taċ-ċeramika, li jippermettu li l-materjal jibqa' stabbli f'temperaturi li qegħdin jinbidlu. Iċ-ċomb f'materjali pjeżoelettriċi huwa importanti fost l-oħrajn biex l-enerġija mekkanika tiġi kkonvertita minn vibrazzjonijiet f'ċarġ elettriku tal-output u viċi versa.

Huma mifhum li s-sostituti disponibbli ma jipprovdex prestazzjoni komparabbli, li ma jippermettux l-applikazzjoni jew li jirriżultaw f'legaturi u f'siġilli ta' affidabbiltà aktar baxxa. Għalhekk, il-valutazzjoni teknika kkonkludiet li l-eżenzjoni hija ġġustifikata peress li s-sostituti disponibbli jew: (i) ma humiex adattati u ma jistgħux jiġu mmanifatturati f'komponenti mingħajr ċomb li jistgħu jintużaw fl-istess applikazzjonijiet; jew (ii) jipprovdut affidabbiltà inferjuri li twassal għal ħsarat li ma jkunux aċċettabbli fl-EEE rispettiv.

Madankollu, valutazzjoni aktar speċifika u ffokata hija diffiċli peress li hemm firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet. L-eżenzjoni fil-punt 7(c)-I tista' tinqasam f'applikazzjonijiet għall-ħġieġ u applikazzjonijiet għall-materjali taċ-ċeramika. Barra minn hekk, il-limitazzjoni tal-ambitu tal-eżenzjonijiet għal settijiet speċifiċi ta' applikazzjonijiet tippermetti valutazzjoni aktar dettaljata fil-futur. Abbażi tar-rieżami mwettaq fl-2015-2016¹⁰ u l-isforzi preċedenti tiegħu biex jaqşam l-eżenzjoni fil-punt 7(c)-I f'sottogruppi, ġew identifikati l-applikazzjonijiet li ġejjin għall-materjali tal-ħġieġ:

- għall-protezzjoni u għall-iżolazzjoni elettrika fi bċejjeċ tal-ħġieġ ta' diodi b'vultaġġ għoli abbażi ta' qafas tal-ħġieġ tal-borat taż-żingu;
- għall-issiġillar ermetiku bejn il-pakketti taċ-ċeramika u l-ġhotjien tal-ħġieġ jew taċ-ċeramika;
- għall-finijiet ta' twaħħil f'perjodu tal-parametru tal-proċess limitat;

⁸ Ir-rapport finali (Pakkett 27) tal-istudju huwa disponibbli fuq: <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/708d9a2a-26e1-11ef-a195-01aa75ed71a1/language-en/format-PDF/source-327348441>.

⁹ Perjodu ta' konsultazzjoni: Bejn is-16 ta' Ottubru 2023 u l-11 ta' Diċembru 2023; <https://rohs.biois.eu/>.

¹⁰ Ir-rapport finali (Pakkett 9) tal-istudju huwa disponibbli fuq: <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/a3fdcc8c-4273-11e6-af30-01aa75ed71a1>.

- għall-użu bħala materjal ta' reżistenza bħal-linka, esklużi l-potenzjometri trimmer; kif ukoll
- għall-użu f'ućuh tal-ħġieġ modifikati kimikament għall-plakki ta' mikrokanali (MCPs, Microchannel Plates), għall-multiplikaturi tal-elettroni b'kanal wieħed (CEMS, Single Channel Electron Multipliers) u għall-prodotti tal-ħġieġ ta' reżistenza (RGPs, Resistive Glass Products).

Għall-materjali taċ-ċeramika, ġew identifikati l-applikazzjonijiet li ġejjin:

- għall-użu f'ċeramika tat-titanat taż-żirkonju taċ-ċomb pjeżoelettriku (PZT, Piezoelectric Lead Zirconium Titanate);
- sabiex iċ-ċeramika tiġi pprovduta koeffiċjent tat-temperatura pożittiv (PTC, Positive Temperature Coefficient).

Peress li kien hemm biżżejjed żmien biex wieħed jadatta għal dawn is-sottogruppi u biex jgħin fl-iżvilupp tagħhom, is-segmentazzjoni f'sottogruppi ma hijiex meqjusa bħala piż amministrattiv sproporzjonat għall-industrija. Barra minn hekk, l-ambitu tal-applikazzjonijiet kien imfassal b'mod xieraq biex ikopri l-kamp ta' applikazzjoni eżistenti tal-eżenzjoni fil-punt 7(c)-I. is-subentrati jenħtieġ li jibqgħu taħt l-entrati 7(c)-V u 7(c)-VI. Sabiex l-industrija tkun tista' tirfina l-applikazzjonijiet identifikati, huwa rrakkomandat tiġdid fuq perjodu ta' żmien qasir għall-punt 7(c)-I preċedenti.

Għall-eżenzjoni fil-punt 7(c)-II, il-kapaċitaturi b'vultaġġ għoli (jiġifieri b'vultaġġ attribwit ta' 125 V AC jew 250 V DC jew aktar) jiġu applikati prinċipalment f'apparat għall-provvista tal-enerġija u f'apparat ta' protezzjoni. Tali kapaċitaturi taċ-ċeramika diskreti b'vultaġġ għoli huma inkorporati f'firxa wiesgħa ta' EEE biex jaħżnu u jirrilaxxaw l-iċċarġjar elettriku, li huwa meħtieġ biex il-prodotti jiffunzjonaw kif meħtieġ. Iċ-ċomb jinfluwenza l-proprjetajiet elettromanjetiċi tad-dielettriku fi stat solidu (materjal taċ-ċeramika), b'mod partikolari t-telf tal-kapaċitanza u tad-dielettriku tal-kapaċitaturi. Iċ-ċeramika fiha konċentrazzjonijiet ta' ċomb ta' 0,1-60 % skont il-piż tal-materjal omoġenu.

Is-sostituzzjoni taċ-ċomb fid-dielettriku taċ-ċeramika għal kapaċitaturi b'vultaġġ għoli hija xjentifikament possibbli f'xi każijiet, iżda għadha ma hijiex prattikabbli minn perspettiva teknika industrijalizzata. Barra minn hekk, il-kapaċitaturi mingħajr ċomb jisħnu meta jiġi applikat vultaġġ għoli u jistgħu jsiru instabbli, u għalhekk l-affidabbiltà ma hijiex iggarantita. Minħabba l-istat kurrenti tas-suq, it-tneħħija gradwali fuq perjodu ta' żmien qasir taċ-ċomb fil-firxa sħiħa ta' din l-applikazzjoni hija impossibbli, peress li materjali speċifiċi u probabbilment anke aġġustamenti tad-disinn ikollhom jiġu ttestjati qabel ma jkunu jistgħu jiġu applikati alternattivi mingħajr ċomb.

Skont ir-rekwiżit tal-livell limitu fil-kuntest tal-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva RoHS, eżenzjoni ma tistax iddghajjed il-protezzjoni ambjentali u tas-saħħa mogħtija mir-Regolament REACH. Madankollu, il-komponenti elettriċi u elettroniċi li jkun fihom iċ-ċomb fil-ħġieġ jew fiċ-ċeramika (inklużi l-kapaċitaturi) ma humiex aċċessibbli f'ċirkostanzi normali għall-konsumaturi. Għalhekk, it-tiġdid tal-eżenzjonijiet 7(c)-I u 7(c)-II ma jgħorr l-ebda riskju ta' ksur tal-livell ta' protezzjoni stabbilit mir-Regolament REACH.

Il-Kummissjoni kkonsultat il-grupp ta' esperti tal-Istati Membri għall-atti delegati fil-kuntest tad-Direttiva RoHS fil-11 ta' Ottubru 2021 u fit-18 ta' Settembru 2024. Wettqet il-passi proċedurali meħtieġa kollha fir-rigward tal-eżenzjonijiet mir-restrizzjonijiet fuq is-sustanzi

f'konformità mal-Artikolu 5(3) sa (7)¹¹. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew ġew innotifikati dwar l-attivitajiet rilevanti kollha.

- Il-punt ewlieni ta' kritika mill-esperti tal-Istati Membri kien jikkonċerna l-informazzjoni insuffiċjenti pprovduta mill-applikanti bħala parti mill-valutazzjonijiet tekniċi. L-applikanti jenħtieġ li juru b'mod ċar li l-kriterji skont l-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva RoHS huma ssodisfati u jissostanzjaw l-asserzjonijiet tagħhom. Inkella, jenħtieġ li ma tingħata l-ebda eżenzjoni. Il-Kummissjoni qieset dan billi ħolqot subentrati u perjodi ta' validità qosra, meta jkun meħtieġ. Il-Kummissjoni qieset ukoll kontributi oħrajn, minn diversi rappreżentanti tal-industrija, favur iż-żamma tal-*istatus quo* f'termini ta' eżenzjonijiet.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

- L-evalwazzjoni turi li l-eżenzjoni li għandha tingħata ma ddgħajjifx il-protezzjoni ambjentali u tas-saħħa li jagħti r-Regolament REACH, f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva RoHS.
- Għaż-żewġ eżenzjonijiet 7(c)-I u 7(c)-II tal-Anness III tad-Direttiva RoHS, is-sostituti jew ma humiex disponibbli għall-biċċa l-kbira tal-applikazzjonijiet koperti minn dawn l-entrati, jew ma għandhomx affidabbiltà jew prestazzjoni adegwata. Għalhekk, il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5(1)(a), l-ewwel u t-tieni inċiż, huma ssodisfati: it-tneħħija jew is-sostituzzjoni tagħhom permezz ta' bidliet fid-disinn jew permezz ta' materjali u komponenti li ma jkunx jirrikjedu l-ebda materjal jew sustanza minn daww elenkati fl-Anness II ma tkunx prattikabbli mil-lat xjentifiku jew tekniku, u ma tiġix żgurata l-affidabbiltà tas-sostituti.
- Għall-eżenzjoni fil-punt 7(c)-I, huwa xieraq li jinħolqu subentrati għal applikazzjonijiet tal-ħġieġ u taċ-ċeramika. Għalhekk, jenħtieġ li jingħataw żewġ eżenzjonijiet: 7(c)-V għaċ-ċomb f'applikazzjonijiet tal-ħġieġ u 7(c)-VI għaċ-ċomb f'applikazzjonijiet taċ-ċeramika. Barra minn hekk, is-subentrati jenħtieġ li jispesifikaw liema oqsma ta' applikazzjoni huma rilevanti għal dawn l-eżenzjonijiet.
- Għalkemm il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjonijiet proposti fil-punti 7(c)-V u 7(c)-VI jenħtieġ li jkun identiku għall-kamp ta' applikazzjoni preċedenti tal-eżenzjoni fil-punt 7(c)-I, l-eżenzjoni l-antika fil-punt 7(c)-I għandha tingħata perjodu ta' validità għal żmien qasir li jippermetti lill-industrija titlob l-oqsma ta' applikazzjoni nieqsa.
- L-eżenzjoni fil-punt 7(c)-II jenħtieġ li tiġġedded bl-istess kamp ta' applikazzjoni u bil-kjarifika li l-entrati 7(c)-I u 7(c)-IV ma humiex koperti minnha.
- Minħabba l-ammont ta' żmien li għadda minn meta twettqet il-valutazzjoni teknika (konkluża fi Frar 2022), l-eżenzjonijiet 7(c)-II, 7(c)-V u 7(c)-VI jenħtieġ li jkollhom perjodu ta' validità limitat minflok il-perjodu ta' validità massimu possibbli. Sabiex l-applikanti jingħataw iċ-ċans li jipprovdut d-data nieqsa, jikkompletaw u jissostanzjaw l-asserzjonijiet li saru fil-valutazzjoni teknika preċedenti, skadenza qasira titqies suffiċjenti biex tiġi pprovduta tali data. Peress li l-oneru tal-prova li jiġi ssodisfat kriterju tal-Artikolu 5(1)(a) jaqa' fuq l-applikant, jenħtieġ li tiġi sottomessa

¹¹ Lista tal-passi amministrattivi meħtieġa hija disponibbli fuq is-[sit web tal-Kummissjoni](https://sit.web.tal-Kummissjoni). Wieħed jista' jara l-istadju kurrenti tal-proċedura għal kull abbozz ta' att delegat fir-Reġistru Interistituzzjonali tal-Atti Delegati fuq <https://webgate.ec.europa.eu/regdel/#/home>.

data kompluta fil-valutazzjoni li jmiss, inkella jrid jitqies in-nuqqas ta' tiġdid minħabba data nieqsa.

- Fid-dawl tal-evalwazzjoni teknika, huwa xieraq li tiġi stabbilita data ta' skadenza waħda għall-kategoriji kollha elenkati fl-Anness I tad-Direttiva RoHS.

Id-dati meta dawk l-eżenzjonijiet jenħtieġ li jiskadu huma stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu. Il-perjodu ta' validità ta' dawn l-eżenzjonijiet jenħtieġ li jkun twil biżżejjed biex l-industrija tħejji t-talbiet ta' tiġdid f'konformità mal-Artikolu 5(5), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva RoHS, li jistipula li l-applikazzjonijiet għat-tiġdid ta' eżenzjoni jridu jsiru mhux aktar tard minn 18-il xahar qabel ma tiskadi l-eżenzjoni.

L-istrument legali huwa direttiva delegata, kif previst fid-Direttiva RoHS u jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti tal-Artikolu 5(1)(a) tagħha.

Id-direttiva delegata għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem u tarmonizza d-dispożizzjonijiet għall-funzjonament tas-suq uniku fil-qasam tal-EEE, billi tippermetti l-użu ta' sustanzi li altrimenti jkunu pprojbiti għal applikazzjonijiet speċifiċi, f'konformità mad-Direttiva RoHS u mal-proċedura stabbilita f'dik id-Direttiva għall-adattament tal-progress xjentifiku u tekniku tal-Annessi III u IV tagħha.

Mhux mistenni li l-perjodi ta' validità mogħtija jkollhom impatti avversi fuq l-innovazzjoni.

Id-direttiva delegata ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'8.9.2025

li temenda d-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb f'komponenti tal-ħġieġ jew taċ-ċeramika

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriċi u elettroniku¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1), il-punt (a) tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/65/UE jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li t-tagħmir elettriċi u elettroniku mqiegħed fis-suq ma jkunx fih is-sustanzi perikolużi elenkati fl-Anness II ta' dik id-Direttiva. Dik ir-restrizzjoni ma tapplikax għal ċerti applikazzjonijiet eżentati li huma elenkati fl-Anness III ta' dik id-Direttiva.
- (2) Il-kategoriji tat-tagħmir elettriċi u elettroniku li għalihom tapplika d-Direttiva 2011/65/UE huma elenkati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.
- (3) Iċ-ċomb huwa sustanza ristretta elenkata fl-Anness II tad-Direttiva 2011/65/UE. Il-valur tal-konċentrazzjoni ttollerat massimu huwa ta' 0,1 % skont il-piż taċ-ċomb f'materjali omoġenji.
- (4) Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2018/736² tat eżenzjoni għall-komponenti elettriċi u elettroniċi li jkun fihom iċ-ċomb fil-ħġieġ jew fiċ-ċeramika jew fil-kompost b'matriċi tal-ħġieġ jew taċ-ċeramika, kif stabbilit fl-entrata 7(c)-I tal-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE. L-eżenzjoni kellha tiskadi fil-21 ta' Lulju 2021, fil-21 ta' Lulju 2023 u fil-21 ta' Lulju 2024, rispettivament għal kull kategorija ta' tagħmir elettriċi u elettroniku rilevanti.
- (5) Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/169³ tat eżenzjoni għaċ-ċomb fiċ-ċeramika dielettriċa f'kapaċitaturi għal vultaġġ attribwit ta' 125 V AC jew 250 V DC jew ogħla, kif stabbilit fl-entrata 7(c)-II tal-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE. L-

¹ ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2011/65/oj>.

² Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2018/736 tas-27 ta' Frar 2018 li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress xjentifiku u tekniku, l-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għal ċerti komponenti elettriċi u elettroniċi li jkun fihom iċ-ċomb fi ħġieġa jew ċeramika (ĠU L 123, 18.5.2018, p. 94, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir_del/2018/736/oj).

³ Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/169 tas-16 ta' Novembru 2018 li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress xjentifiku u tekniku, l-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb fiċ-ċeramika dielettriċa f'ċerti kapaċitaturi (ĠU L 33, 5.2.2019, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir_del/2019/169/oj).

eżenzjoni kellha tiskadi fil-21 ta' Lulju 2021, fil-21 ta' Lulju 2023 u fil-21 ta' Lulju 2024, rispettivament għal kull kategorija ta' tagħmir elettriku u elettroniku rilevanti.

- (6) B'kollox, il-Kummissjoni rċeviet tmien talbiet ta' tiġdid għall-eżenzjoni msemmija fil-premessa 4, li jkopru l-kategoriji ta' tagħmir elettriku u elettroniku kollha. Għall-eżenzjoni msemmija fil-premessa 5, il-Kummissjoni rċeviet talba ta' tiġdid waħda. It-talbiet kollha waslu fil-perjodu ta' żmien għat-tiġdid stabbilit fl-Artikolu 5(5) tad-Direttiva 2011/65/UE. F'konformità mal-Artikolu 5(5), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2011/65/UE, l-eżenzjoni eżistenti tibqa' valida sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għat-tiġdid mill-Kummissjoni.
- (7) Sabiex jiġu evalwati l-applikazzjonijiet riċevuti, twettaq studju ta' valutazzjoni teknika u xjentifika, li ġie ffinalizzat fl-2022⁴. Sar u ġie ffinalizzat studju ieħor li jiffoka fuq il-kategoriji ta' tagħmir elettriku u elettroniku li għalihom intalab tiġdid fi stadju aktar tard fl-2024⁵. L-evalwazzjoni kienet tinkludi konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati f'konformità mal-Artikolu 5(7) tad-Direttiva 2011/65/UE.
- (8) L-evalwazzjoni tat-tiġdid tal-eżenzjoni mitlub ikkonkludiet li fiċ-ċeramika, iċ-ċomb jipprovdi karatteristiċi dielettriċi, pjeżoelettriċi, piroelettriċi, ferroelettriċi, semikondutturi, manjetiċi fuq firxa wiesgħa ta' użi f'termini ta' temperaturi, ta' vultaġġi jew ta' frekwenzi. Fil-ħġieġ, iċ-ċomb jipprovdi proprjetajiet kruċjali bħal pereżempju jbaxxi l-punti ta' tidwib jew ta' trattib, itejjeb il-kapaċità ta' tħaddim, il-kapaċità ta' mmaxinjar, u l-istabbiltà kimika u oħrajn.
- (9) Is-sostituti għaċ-ċeramika u għall-ħġieġ li fihom iċ-ċomb jew ma humiex teknikament Prattikabbli għall-applikazzjonijiet kollha jew is-sostituti ma humiex affidabbli biżżejjed għal applikazzjonijiet speċifiċi. Għalhekk, it-tiġdid mitlub jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5(1), il-punt (a), l-ewwel u t-tieni inċiż, tad-Direttiva 2011/65/UE, jiġifieri, li l-eliminazzjoni jew is-sostituzzjoni permezz tal-bidliet fid-disinn jew materjali u komponenti li ma jirrikjedu l-ebda wieħed mill-materjali jew mis-sustanzi elenkati fl-Anness II ma hijiex Prattikabbli mil-lat xjentifiku jew tekniku u li l-affidabbiltà tas-sostituti ma hijiex żgurata.
- (10) Sabiex fil-futur tkun tista' ssir valutazzjoni teknika aktar iffukata, l-eżenzjoni kurrenti stabbilita fl-entrata 7(c)-I tal-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE jenħtieġ li tinqasam f'żewġ punti, jiġifieri 7(c)-V għaċ-ċomb f'applikazzjonijiet tal-ħġieġ u 7(c)-VI għaċ-ċomb f'applikazzjonijiet taċ-ċeramika. Huwa xieraq li jiġu speċifikati l-applikazzjonijiet tekniċi f'dawk l-entrati.
- (11) L-evalwazzjoni msemmija fil-premessa 7 ikkonkludiet li għalkemm huwa xjentifikament possibbli li iċ-ċomb jiġi sostitwit fid-dielettriki taċ-ċeramika għal kapaċitaturi b'vultaġġ għoli għal xi applikazzjonijiet skont l-eżenzjoni stabbilita fil-punt 7(c)-II tal-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE, ma huwiex teknikament Prattikabbli għall-biċċa l-kbira tal-applikazzjonijiet. Barra minn hekk, tali kapaċitaturi mingħajr ċomb ma għandhomx biżżejjed affidabbiltà fil-prattika. Għalhekk, it-tiġdid mitlub jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5(1), il-punt (a), l-ewwel u t-tieni inċiż, tad-Direttiva 2011/65/UE.

⁴ Ir-Rapport finali (il-Pakkett 22) tal-istudju huwa disponibbli fuq <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/c774eb67-7cc6-11ec-8c40-01aa75ed71a1/language-mt>.

⁵ Ir-Rapport finali (Pakkett 27) tal-istudju huwa disponibbli fuq <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/708d9a2a-26e1-11ef-a195-01aa75ed71a1/language-mt/format-PDF/source-327348441>.

- (12) L-eżenzjonijiet imġedda jenħtieġ li jingħataw b'perjodi ta' validità li jqisu l-konklużjonijiet tekniċi tal-evalwazzjoni msemmija fil-premessa 7. L-eżenzjoni stabbilita fil-punt 7(c)-I tal-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE jenħtieġ li tiġġedded għal perjodu ta' validità għal żmien qasir f'konformità mal-Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva 2011/65/UE. Id-dati ta' skadenza tal-eżenzjoni stabbiliti fil-punti 7(c)-II u l-eżenzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti fil-punti 7(c)-V u 7(c)-VI tal-Anness III ta' dik id-Direttiva jenħtieġ li jqisu l-perjodu minimu ta' 18-il xahar qabel id-data ta' skadenza, li fih it-talbiet ta' tiġdid jeħtieġ li jiġu sottomessi f'konformità mal-Artikolu 5(5), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva 2011/65/UE.
- (13) Minħabba t-tiġdid għal perjodu ta' żmien qasir li jifdal tal-eżenzjoni stabbilita fil-punt 7(c)-I tal-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE, huwa xieraq li tiġi stabbilita data ta' skadenza waħda għall-kategoriji kollha ta' tagħmir elettriku u elettroniku stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 2011/65/UE.
- (14) It-tiġdid tal-eżenzjonijiet ma jdgħajjifx il-protezzjoni ambjentali u tas-saħħa li jagħti r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶.
- (15) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Direttiva 2011/65/UE tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

- (1) L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn [l-aħħar jum tas-sitt xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.
- Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn [l-aħħar jum tas-sitt xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva + jum].
- Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.
2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj>).

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 8.9.2025

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN